# It-Terrimot ta' L-1693 - L-Ewwel Deskrizzjoni bil-Latin tat-Terrimot toħroġ mill-Imqabba

Mal-medda tas-snin inħassu diversi terremoti f'dawn il-Gżejjer. Madankollu ċ-ċaqliq qawwi ta' l-art u l-baħar li nħass fil-Gżejjer Maltin u fi Sqallija bejn id-9 u l-11 ta' Jannar 1693 kexkex u ħasseb lil kulħadd. Il-ġrajja ta' dak in-nhar kienet ta' importanza kbira u nkitbet b'interess speċjali.

F'Malta waqgħu ħafna djar, palazzi u knejjes, speċjalment fil-Belt Valletta, il-Birgu, l-Isla u Bormla. Il-Kunvent tal-Kappuċċini li dik il-ħabta kien jinsab 'il barra mis-swar tal-belt, ġarrab ħsarat fil-ħitan tat-taraġ prinċipali. Il-biċċa l-kbira mill-Imdina mibnija kif kienet fuq it-tafal wara t-terremot kellha tinbena mill-ġdid. Fost il-bini li kellu jerġa' jinbena kien hemm il-Katidral.

Għawdex ma ħelishiex ħafif lanqas. Il-knisja Matriċi, kif ukoll dik ta' San Ġorġ u bosta djar oħra ġarrbu ħsarat kbar. Fix-Xlendi, il-baħar bela' l-art u fl-inħawi ta' Ġebel Sammut biċċa raba' tkaxkret mal-ħalel ta' mwieġ il-baħar. Bosta bjar faru bl-ilmijiet, waqt li n-nixxiegħat u għejjun oħra nixfu.

Iżda waqt li fi Sqallija mietu eluf kbar ta' nies, fil-Gżejjer Maltin jingħad li ma miet ħadd.

Il-Granmastru ta' l-Ordni ta' San Ġwann Fra Adriano de Wignacourt malajr laqqa' l-Kunsill tiegħu u fl-14 ta' Jannar 1693 amar li jsir talb ħerqan quddiem l-Ewkaristija fil-Knisja Konventwali ta' San Ġwann. Ordna ukoll Purċissjoni Penitenzjali bid-driegħ ta' San Ġwann Battista mill-istess knisja għall-ħelsien minn dak it-terrimot.

F'Manuskritt numru 1012 (Biblijoteka) *Memoria Terremotus Anno Domini 1693* nsibu tifkira bil-Latin ta' dan it-terrimot. It-taqsim f'paragrafi ma jinsabx kollu fl-oriġinali (mil-Latin għall-Malti).

"Nhar il-Ħadd, il-11 ta' Jannar (1693), fis-2.00 ta' wara nofsinhar, seħħ Terremot kbir u ta' qawwa enormi, hekk li, matul il-ħafna sekli ta' qabel, qatt ma nafu b'ieħor bħalu! Ħafna mill-ibliet ewlenin ta' Sqallija, ngħidu aħna Sirakuża u Katanja u Awgusta u bnadi oħra, sfaw imġarrfa, u jingħad li tilfu ħajjithom hemmhekk iżjed minn mitt elf ruħ (100,000).

Hawn Malta, uħud mid-djar kbar u sbieħ tan-"Nobbilissima" Belt Valletta ħassew l-iskoss tat-terrimot. F'din il-magħrufa Belt l-Antika ta' l-Imdina, bit-tiżjin kollu tagħha, iġġaraf parti mill-Katidral ferm sabiħ u magħruf għall-qedem tiegħu li hu Tempju ddedikat lil San Pawl. Minħabba li kienu qed jibżgħu li ħin bla waqt it-terrimot jista' jkollu r-replika u ikun ta' dannu ikbar ir-Reverendi Sinjuri Kanonċi (tal-kapitlu tal-katidral) bdew jqaddsu ġol-Kappella ta' Santu Rokku, ta' ħdejn il-bieb ewlieni jew Porta Maggiore ta' l-Imdina. La darba dik il-Kappella ma tesax wisq nies, il-priedki (jew eżerċizzi) tar-Randan saru fil-Knisja tal-Karmelitani.

Ġo l-Imdina, djar u bini, ġodda jew qodma, uħud iġġarrfu, u oħrajn kellhom imdendla fuqhom it-theddida li jista' jiġrilhom l-istess. Tnixxfu n-nies bil-biża', l-aktar għax qatt ma tkun taf x'se jiġri iżjed. Għalhekk ir-residenti, għonja jew mhumiex, marru sabu kenn ġo griebeġ ta' l-injam, jew ġo dar ċkejkna fl-irħula ta' madwar l-Imdina, inkella ġol-faqar tal-għerien. It-tama tagħhom qiegħduha kollha fil-ħniena kbira ta' Alla, tal-Verġni Marija Omm Alla, u tal-Qaddis Padrun tagħhom San Pawl, għax kull min ħa l-ħajja - bnedmin u bhejjem - f'ħadd aktar ma seta' jkollu t-tama tal-ħarsien mill-mewt.

Sadattant, bil-lejl u bi nhar, baqa' jinħass il-kastig tal-korla ta' Alla (it-terrimot). Għalhekk, l-Eminentissimu u Serenissimu Gran Mastru u Prinċep Dejissimu, b'qalb ta' missier, ried li n-nies jirnexxilhom jerfgħu ħsibijiethom 'il fuq, lejn Alla. Għalhekk, ma ħalliex jibqgħu jsiru jew jinħadmu fuq il-palk il-fares dwar ġlied fil-Qrati u ipprojbixxa ukoll kull xorta ta' tbahrid jew ballijiet. Qassam f'karità flejjes kbar fost l-insara l-fqar u wettaq fosthom opri ta' ħniena, li juru s-sens reliġjuż li kellu dan il-Gran Mastru.

L-Isqof ukoll, imkebbes biż-żelu għall-erwieħ, ried juri kemm Alla hu għani fil-ħniena magħna lkoll, għax aħna fl-aħħar mill-aħħar kien jisthoqqilna dak il-kastig għal dnubietna. U biex naqilgħu mingħand Alla l-maħfra, l-Isqof ried li fil-Knejjes jibqa' jinżamm espost Ġesù Sagramentat. Ordna ukoll li joħorġu diversi purċissjonijiet, immexxija mir-Reverendu Kapitlu tal-Katidral, waqt li jinġarru r-Relikwi tal-Qaddisin flimkien mal-Madonna ta' San Luqa kif ħallihielna hu mpittra daqshekk tajjeb. Mistennijin jieħdu sehem is-Saċerdoti Djoċesani u dawk Regolari, f'dawn il-purċissjonijiet ta' waħda kuljum lejn waħda jew oħra mill-Knejjes tal-Belt (il-Qadima) u dawk ta' madwarha.

Purċissjoni oħra iżjed solenni, li fiha jieħdu sehem il-Maltin kollha tad-Djoċesi, kellha tibda ssir, minn Jannar ta' dik is-sena stess, nhar il-Festa tal-Konverżjoni ta' l-Appostlu Missierna, mill-Imdina sal-Grotta wisq meqjuma, jew is-Sagrosanta Kripta ta' San Pawl. Għal kull pellegrinaġġ minn dawk kollha, kellu jintgħażel Predikatur mill-aqwa, u n-nies kellha tersaq bl-ikbar devozzjoni, kif ukoll bis-sawm u bil-biki u bit-talb.

L-Isqof nieda purċissjoni ukoll għal nhar il-11 ta' Jannar bis-sehem fiha tal-Qassisin u l-Patrijiet - għall-ewwel darba biss kellha tasal sal-Knisja ta' San Pawl il-Baħar li hemm fix-xatt, u mbagħad tibqa' ssir dejjem, sena wara sena, sal-Knisja ta' San Pawl (tar-Rabat) barra s-swar ta' l-Imdina.

B'hekk, l-Isqof kien qed jordna li jibqa' jingħata dejjem radd il-ħajr lil Alla, bil-kunsens ukoll ta' kull min kien jaqbel miegħu. Il-meqjum Prefett tal-Belt, li għandu taħt idejh bla waqfien il-ħarsien ta' l-Imdina, ried hu ukoll iġedded it-tifkira ta' dik il-ġrajja, u darba għal dejjem żidhielha u naqqaxhielha fl-arma tagħha.

Dwar it-Terrimot ta' l-1693:

*Terrimot qawwi u tal-biża' sar fil-11 ta' Jannar 1693, u waqqa' l-Knisja Kattidrali ta' l-Imdina, iġġarrfu bosta djar, korrew in-nies u l-iskossi damu jinħassu bosta ġranet li l-biża' kien kbir.*

FAURÈ GIOVANNI. STORJA TA' MALTA U GĦAWDEX, MALTA, 1916

*All the account we have yet of the futher effects of this earthquake, and the extent of it to the Island of Malta, is in a letter from thence, date January 16, published by Authority. On the 9th Instant about ten at night happened here an earthquake, and another on the 11th at three in the afternoon. The last was so violent, and lasted so long, that every body thought this city would have been quite destroyed. The roof of the Church of Our Lady de Pelar was thorn down, with part of that of St. Laurence. The Church and College of the Jesuits also suffered very much: but the Cathedral and the Church of La Gusmane received the greatest damage, and are so ruined, that they can hardly be repaired. Most of the houses are extremely shattered, and deserted by the inhabitants, who lie now in grottos, and under tents in the fields. The Grand Master of the Order was then abroad a hunting, and he and all his company were in great danger by the falling of a mountain near them. We cannot yet tell the particulars of the loss this island has sustained, but only, in general, that 'tis very great...*

SHOWER JOHN. PRACTICAL REFLECTIONS ON THE LATE EARTHQUAKES IN JAMAICA, ENGLAND, SICILY AND MALTA. ANNO 1692

Għall-medda ta' kważi sitt xhur sħaħ, l-Anġlu tal-Mulej baqa' lilna jsawwatna, għax waqajna mill-ġdid fl-istess dnub jew ħtijiet ta' qabel. Nitolbu għalhekk lil Alla jtaffi darba għal dejjem il-korla tiegħu għalina, aħna li qed nibku ħtijietna. Għax il-Mulej hekk jaf jagħmel - dejjem iħenn, dejjem jaħfer. B'hekk, għall-merti tal-Passjoni ta' Ibnu l-Waħdieni u tal-Kunċizzjoni Immakulata Omm Alla, qatt iktar ma hu se jiftakar fi ħżunitna, hekk li, lill-Anġlu tiegħu li jitħajjar jerġa' jsawwatna, Hu jkun pront igħidlu: "Le!! Żomm! Terfax idek!"

Il-Wisq Meqjum Senat ta' din il-Belt ħalla għal ta' warajna din it-Tifkira, dan il-Monument.

Dan it-tagħrif jinsab imniżżel fost l-Atti tal-Kurja, jiġifieri hawn Malta, fl-Uffiċċju tar-Rispettabbli Sinjuri Ġurati tal-Belt ta' l-Imdina jew Città Nobile u tal-Gżira kollha ta' Malta. Minn hemm jiena, in-Nutar Injazju Debono, erfajt din il-kopja f'isem il-Manjifiku Nutar C... S..."

Iżda l-ewwel deskrizzjoni dokumentata bil-Latin ta' dan it-terremot qawwi ħarġet proprju mill-pinna tan-Nutar Marc Antonio Brancato li f'dak il-preċiż ħin inzerta jagħmel Testment fl-Imqabba.[1]

Fl-Atti Notarili ta' dan il-Manifk insibu din id-deskrizzjoni bil-Latin. L-istess dokument bil-Latin huwa miżmum fl-Arkivji tal-Parroċċa ta' l-Imqabba bl-isem *Un Documento Storico Inedito*. Peress li fl-oriġinal l-Att jibda Fidem facio ego Notarius... u sa kemm jispiċċa huwa miktub f'paragrafu wieħed, hawnhekk ġie mqassam f'paragrafi.

"Jiena hawn taħt iffirmat, in-Nutar Konservatur ta' l-Atti Notarli tal-mibki Manjifiku Marcantonio Brancato, li jinsabu merfugħa fl-Arkivju tal-Belt Valletta, nixhed li fl-hekk imsejjaħ testment bla miktub, kif insibuh fost dawk l-Atti Notarili, taħt id-data tal-ħdax (11) ta' Jannar (ta' l-Indizzjoni ġa msemmija) tas-sena 1693 mit-Twelid ta' Kristu, insibu mniżżel x'ġara dakinhar ħaġa b'ħaġa, kif ġej:

"Nagħtu dan it-tagħrif, u nixhdu għalih, li s-Sinjorina Grazzja, xebba, bint Nikol Cassar ġa mejjet, li hi minn dan ir-raħal stess li hu l-Imqabba, u minni Nutar magħrufa, tinsab hawnhekk quddiemi, u għall-grazzja t'Alla għadha tgawdi l-użu tar-raġuni u f'sensiha, f'saħħitha minn għajnejha kif ukoll minn moħħha li għadu f'siktu, għalkemm qiegħda fis-sodda għax il-ġisem għajjien.

"Hi taf li xi darba, ħin bla waqt, għad irridu nidhru quddiem Alla li jiġġudikana. Taf ukoll li l-mewt tiġi, iżda xejn m'hemm iżjed inċert mis-siegħa u l-ħin li l-mewt tiġi fuqna. Għalhekk, bil-fors il-mewt, tbeżżagħna, u nagħmlu sewwa lkoll li nibżgħu minnha.

"Għax għadna kemm rajna b'għajnejna u kważi missejna b'idejna l-Ġudizzju t'Alla daqshekk fil-qrib! X'ħin kellna malajr inkiss inkiss l-esperjenza kerha tal-mewt li tant nistkerrħu u tant nistmerru. Mela, f'xis-sagħtejn ta' wara nofsinhar (2.00 p.m.), it-testatriċi kienet għadha kemm bdiet tgħarrafni u turini x'riditni nniżżlilha fit-testment, u jien kont qed inwaqqaf widnejja nismagħha qabel nibda nikteb...

"Iżda x'ġara?! Instama' ħoss qisu ta' ragħad ikarwat xi mkien fil-bogħod, inkella bħal ta' karru ġej ilebbet lejna u, aktar ma wasal qrib, instama' aktar tal-biża'! F'kemm ili ngħidlek, id-dar, fejn konna, ħasset u triegħdet, u bdiet tiċċaqlaq u tmil lejn naħa u oħra. Kienet qisha xi bastiment mitluq f'nofs ta' baħar, imwaddab 'l hawn u 'l hinn mir-riħ u l-mewt.

"Sadattant, jien u dawk kollha ta' madwari, bilqiegħda ġod-dar fejn konna, stħajjilna ruħna qed ningarru... issa fuq bastiment... issa ġo benniena... Id-dar innifisha, b'għajnejna ċċassati madwarna, rajnieha kollha kemm hi tixxengel qisha pendlu. Ħarisna lejn xulxin: konna lkoll wiċċna minn lewn il-qarsa tax-xema', xofftejna bojod karti, għajnejna jdemmgħu bil-biża' tal-mewt! Il-biża' li ħakmitna, għax ġie fuqna għall-għarrieda, mill-ewwel ċaħħadna mis-setgħa li nlissnu mqar kelma oħra, u bqajna mbikkmin, qalbna tħabbat sitta sitta. Id-dinja theżżet mill-qiegħ, bit-terrimot mhux mistenni.

"Malajr għamilna l-qalb u nxteħitna għarkobbtejna. Waqt li ftakarna dnubietna u ġietna s-sogħba għalihom, bl-att ta' l-indiema tlabna lil Alla jaħfrilna. Tennejna kemm-il darba t-talba li biha l-Anġli jfaħħru 'l Alla tliet darbiet u jgħidulu: "Alla Qaddis! Alla Qawwi! Alla Immortali! Ikollok ħniena minna!"

Tlabna ukoll bir-responsorju ta' Sant' Antnin ta' Padova: "Si quaeris miracula", u tennejna xi talb ieħor, biex naqilgħu ħniena mingħand Alla bl-interċessjoni tal-Verġni Marija Omm Alla, il-Kunċizzjoni Immakulata, kif ukoll bl-għajnuna ta' Sant' Antnin ta' Padova, ħalli Alla jtaffi l-korla tiegħu għalina, imkebbsa bi dnubietna: iħenn għalina u jogħġbu jżomm wieqfa d-dinja u ma jħallihiex tiġġarraf. U meta, għax Alla ħanin, qlajna mingħandu kulma tlabna, lill-Ħallieq Divin u Feddej tagħna raddejnielu ħajr minn qalbna.

"Malli għeb xi ftit il-biża' li kellna fuqna, komplejna fejn ħallejna: issokktajt inniżżlilha l-lista ta' kulma xtaqet tħalli fit-testment..."

Ħajr lir-Rev. Dun Ġwakkin Schembri B.A. Lic. D., L.S.S. għat-traduzzjoni mil-Latin għall-Malti

1. In-Nutar Marc Antonio Brancato, Nutar Malti, li għex bejn is-sekli XVII-XVIII.